

# Fost il-Kullana tfewwaħ ta' anniversarji nfakkru b'mod xieraq lill-Markiż Nicola Mallia Tabone (1894 - 1973)

*is-Sur Mario Bugeja - Segretarju tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti*



*Is-Sur Nicola Mallia Tabone "Marquis di Fiddien" (1894 - 1973). Impressjoni artistika tas-Sur Philip Borg.*

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li s-sena 2013 hi waħda partikolari, fejn l-anniversarji ma jonqsux! Il-Knisja ta' dawn il-gżejjer qiegħda tfakkar il-mitt sena meta fl-1913, sar f'pajjiżna l-Kungress Ewkaristiku li kien jaħbat l-erbgħa u għoxrin edizzjoni. Avveniment ta' fidi u ta' devozzjoni u li l-Parroċċa tal-Mosta bir-Rotunda u niesha, taw is-sehem definittiv tagħhom. Qegħdin infakkru wkoll għeluq is-sebgħin anniversarju mill-mewt tal-Patri Karmelitan Mosti, Avartan Fenech. Sa minn ħajtu stess, kellu fama ta' qaddis u llum insibu grupp ta' nies li qegħdin iħabirku biex ixerrdu d-devozzjoni lejh. Il-vara tat-Tradiment ta' Ġuda, xogħol l-istatwarju Ġlormu Dingli, għadha kif fakkret għeluq il-ħamsin anniversarju mill-miġja tagħha fis-Santwarju tal-Mosta.

## TLETIN SENA ESPERJENZA

Tletin sena ilu fil-Mosta, tfaċċat l-Għaqda Filantropika Talent Mosti bil-ħidma u l-ħeġġa ta' żewġ żgħażagħ Mostin. Minn għaqda b'għeruq parrokjali Mostin, bis-saħħa u l-għaqal tal-Kumitat u l-membri ħabrieka tagħha, kibret għal stima fuq għarfien nazzjonali. Illum bi tletin sena esperjenza warajha, din l-N.G.O. għandha identità u dan grazzi għall-ħidmiet, inizjattivi u okkażjonijiet li għamlu lid-diriġenti tagħha, kburin b'dak kollu li sar b'risq il-ġid u l-ferħ tal-proxxmu. U fl-istess waqt, tħeġġeġ biex jingħaqdu magħha numru ta' ħbieb oħra ħalli jagħtu sehemhom u b'hekk jassiguraw il-ġejjieni.



*Ir-rota tal-Karettun, frott il-ħidma u l-bżulija tal-Markiż, timmarka l-ġirja taż-żmien, filwaqt li l-fus tagħha jgħaqqad ħaġa waħda l-passat mal-preżent u l-futur.*

## TAL-MARKIŻ MALLIA TABONE

Min-naħa tal-Għaqda, ħassejna li jiġi mfakkar anniversarju ieħor, mhux daqstant magħruf, iżda li hu importanti fin-nisġa tal-istorja mżewqa li minnha għaddiet din l-N.G.O. tul il-fażijiet varji tagħha. Fl-1998, Talent Mosti beda juża razzett qadim fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel bħala l-Kwartieri tiegħu u bil-mod il-mod, żviluppa ruħu f'nixxiegħa Kulturali. Bħal kull struttura oħra, din il-binja rurali Maltija tas-seklu sbatax, għandha wkoll ġrajjietha li jinsabu irrakkuntati fil-ħitan sammi tagħha. Fl-imgħoddi, dan ir-razzett kien propjetà tal-Familja Mallia Tabone. L-aħħar persuna minn din l-istess familja li kellha t-titlu ta' "Marquis di Fiddien" kien propju Nicola Mallia Tabone, li għalih hu iddedikat dan l-artikolu, fl-okkażjoni tal-erbgħin sena mill-mewt tiegħu.

## IN-NOBBLI MOSTI

Nikol il-Markiż kif kien magħruf, kien jgħix il-Mosta u kemm hu u kif ukoll xi antenati tiegħu kienu jgħixu f'dar kbira u sabiħa qrib ir-Rotunda, xi żewġ bibien l-isfel mill-Uffiċċju Parrokkjali. Dan in-nobbli Mosti kien jaħdem l-uċuħ tar-raba' li kellu biswit ir-razzett, fejn fih kien irabbi xi annimali domestiċi u tjur bħal tiġieġ u ħamiem. Jingħad li fl-għorfa ta' fuq is-setaħ, kellu kollezzjoni vasta ta' armi tan-nar, fejn xi wħud minnhom kien jużahom għad-delizzju tal-kaċċa. Għad fadal xi anzjani li jiftakru lill-Markiż dieħel u





*Il-bitħa tar-Razzett tal-Markiż fi żminijietna tnissel il-kalma f'kull viżitatur hekk kif jixref mill-għatba l-ġewwa*

ħiereġ mir-razzett, fi triqtu lejn Wied il-Għasel jew lejn in-naħat ta' Santa Margerita b'xi żewġt iklieb tal-kaċċa jħufu quddiemu! Jingħad ukoll li l-Markiż kien jiddelitta bit-tiġrijiet taż-żwiemel, fejn ġieli rebaħ l-ewwel post biż-żiemel favorit tiegħu, l-aktar għall-okkażjoni tal-festa tal-Imnarja.

## NIKOL IL-MARKIŻ

Nicolà twieled fl-1894 u kien is-seba' u l-aħħar wild tal-Familja Mallia Tabone. Hu baqa' għażeb sa ma miet fl-1973. Xi Mostin iddeskrivew lil Nikol il-Markiż bħala persuna minn tagħna, qasir u rqiq u dejjem rawh bil-ġlekk u b'kappell tat-trizza. Eventwalment it-titolu ta' "Markiż tal-Fiddien" għadda għand il-familja Caruana Dingli u llum jinsab għand il-familja Laferla.

## PATRIMONJU

Iż-żmien għadda u gerbeb bla ma' stenna lil ħadd, imma d-destin ried li b'xorti tajba dan ir-razzett ġwejjed ta' Nikola l-Markiż, jibqa' magħna biex ingawduh aħna l-ulied Wenzu u Rożi tat-Tielet Millenju! Wara l-mewt tal-Markiż, l-għelieqi ta' madwar ir-razzett saru propjetà tal-Gvern Malti. Fuq din l-art inbniet l-iskola "Lily of the Valley" u li llum hi magħrufa bħala l-iskola sekondarja tal-bniet fi ħdan il-Kulleġġ Maria Regina. Mill-banda l-oħra, għal aktar minn tletin sena, ir-razzett tal-Markiż tħalla abbandunat u ġarrab diversi ħsarat. Imma bis-saħħa tad-deċizjoni meħuda fl-1986 mill-Ministru Dr. Daniel Micallef, biex ir-razzett ma jitwaqqax għax kienet se titkabbar l-imsemmija skola, dan il-patrimonju ġie salvat fil-ħin minn ħalq l-iżvilupp. Aktar tard il-bini ġie restawrat fi żmien il-Ministru Dr. Ugo Mifsud Bonnici, fejn kien wisq



*Il-bieb ta' dan iċ-ċentru Kulturali u Filantropiku hu miftuħ beraħ għal kulħadd u b'hekk jitħalltu fi ħdanu nies ta' kejl differenti fl-intellet u s-sengħa.*






*Il-Bust tal-Markiż Nicola Mallia Tabone fil-faċċata tal-Kwartieri ta' l-Għaqda, xogħol l-iskultur Savio Deguara*

importanti l-kontribut siewi li tat Ms. Mary Doris Aquilina li f'dak il-perjodu kienet tmexxi din l-iskola.

## ĊENTRU TA' KULTURA NAZZJONALI

Għal xi snin, dan ir-razzett ma sarx użu minnu u kien f'dan il-perjodu li l-Għaqda Filantropika Talent Mosta tefgħet għajnejha fuqu għax sa dak iż-żmien kien għad m'għandhiex sede minn fejn tmexxi l-attivatijiet tagħha. Din il-ħolma saret realtà meta, nhar l-1 t'Awwissu 1998, sar ftehim mal-Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo biex finalment l-Għaqda setgħet tuża dan ir-razzett bħala l-kwartieri tagħha u ġie miftuħ uffiċjalment nhar il-25 ta' Ottubru 1998 mill-Ministru tal-Edukazzjoni Dr. Louis Galea. L-Għaqda taħdem id f'id mal-Kunsill skolastiku u l-Kap ta' l-iskola ta' maġenb ir-razzett, u kull attività li tittella' mill-Għaqda ssir b'koperazzjoni sħiħa. Fl-imgħoddi dan ir-razzett kien post li mill-maxturi tiegħu kienu jieklu l-bhejjem filwaqt li llum qed jitma' lill-pubbliku bil-kultura bnina tal-poplu Malti. B'hekk ir-Razzett tal-Markiż huwa post pubbliku li fi ħdanu jiltaqgħu u jitħalltu nies ta' kejl differenti fl-intellett u s-sengħa, imma li għandhom kontribut validu x'jikkontribwixxu b'risq l-arti, il-kultura u s-solidarjetà. Għaldaqstant, ir-Razzett tal-Markiż jissejjaħ ukoll bħala ċ-Ċentru ta' Kultura Nazzjonali. U biex inkomplu bis-serje ta' anniversarji, l-2013 taħbat għeluq il-ħmistax-il sena, minn meta Talent Mosti sawwar dan il-wirt prezzjuż f'ċentru Kulturali u filantropiku.

## IFAKKAR GĦAL DEJJEM

Bir-raġun, l-Għaqda semmiet il-kwartieri tagħha għal dan il-personaġġ u rsistiet biex fil-faċċata tar-razzett jitwaqqaf bust ta' Nikola l-Markiż li għandu l-għan li jibqa' ifakkar għal dejjem lil dan it-twajjeb benefattur, bla ma qatt kien jafna! Dan il-mafkar għażiż ġie maħdum u mogħti mill-iskultur Mosti Savio Deguara u ġie inawgurat nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2007 mis-Sindku tal-Mosta Dr. Paul Chetcuti Caruana M.D. Jekk noqogħdu nosservawh, taf forsi xi darba nilmħuh jitbissem fuq il-mijiet ta' tfal tal-iskola, li jgħaddu minn quddiemu ta' kuljum!

**Riferenzi:**

1. George Cassar – Louis Vassallo "Minn tiġrib il-qedem il-MOSTA tfassal ġrajjietha" (Malta, 2008)
2. Louis Vassallo (editur) "Għaqda Filantropika Talent Mosti – il 25 sens anniversarju" (Malta, 2008)
3. Skript tas-serata Mużika – Letterarja "Inġorru lill-Mulej fit-triqat tal-Ħajja" il-Ħadd 17 ta' Marzu 2013 u li kienet iddekiata f'ġieħ Nicola Mallia Tabone (1894 – 1973) fl-okkażjoni tal-40 sena anniversarju mill-mewt tiegħu.